MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2005

Numru. 683/2005

Il-Pulizija
(spettur Josric Mifsud)
vs
Antoine Aquilina u Darren James Vella

Illum 2 ta' Awissu 2005.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzati u dan talli f'dawn il-gzejjer nhar il-31 ta' Lulju 2005 gewwa l-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha, b'diversi atti maghmulin li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Serqu basket kontenenti mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll discman tal-marka Samsung li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira maltin (LM100) ghad-detriment ta' Alexej Dzhurzhy liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

2) Serqu basket kontenenti mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll portable game tal-marka Nintendo li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira maltin (LM100) ghad-detriment ta’ Olga Biletskaya liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

3) Talli Darren James Vella wahdu seraq basket kontenenti mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll mobile iehor tal-marka Samsung li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira maltin (LM100) ghad-detriment ta’ Francesca Debattista, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Semghet lill-akkuzati jiddikjaraw li huma ma ghandhomx oggezzjoni li jigu ggudikati minn din il-Qorti.

Semghet lil akkuzati, minn jeddhom, jammettu l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Issib lil akkuzati hatja talli f’dawn il-gzejjer nhar il-31 ta’ Lulju 2005 gewwa l-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha, b’diversi atti maghmulin li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. Serqu basket kontenenti mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll discman tal-marka Samsung li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira maltin (LM100) ghad-detriment ta’ Alexej Dzhurzhy liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.
2. Serqu basket kontenenti mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll portable game tal-marka Nintendo li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira maltin (LM100) ghad-detriment ta’ Olga Biletskaya liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Issib lil akkuzat Darren James Vella wahdu hati talli seraq basket kontenenti mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll mobile iehor tal-marka Samsung li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira maltin (LM100) ghad-detriment ta’ Francesca Debattista, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Rat l-artikoli 18, 261(c), 267, 279(a) tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena tal-akkuzat Darren James Vella, wara li l-Qorti semghet lill-partijiet u kkunsidrat li dan ghadu minorenni, oltre li r-refurtiva nstabet kollha u giet moghtija lid-derubati, minflok il-piena stipulata mill-ligi, tordna li fil-konfront ta' dan l-akkuzat tinhareg l-annessa 'probation order'u dan ghal perjodu ta' sena millum u dan skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 46 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward l-akkuzat Antoine Aquilina, wara li l-Qorti kkunsidrat li dan ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri tal-proceduri u li, anke f'dan il-kaz, ir-refuritva giet ritornata kollha lid-derubati, il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi specjali biex tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u minflok il-piena karcerarja timponi piena pekunjarja u ghalhekk tikkundanna lill-akkuzat Antoine Aquilina ghal piena ta' LM50 (hamsin lira maltin) multa, liema multa ghandha tithallas sa ghada.

In  oltre l-Qorti tordna d-divjett ta' pubblikazzjoni, f'kull mezz tal-Media, ta' isem u kull partikolarita tal-minuri Darren James Vella.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha jintbaghtu lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------